MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 390/2014

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Angelica LONG [ID. Nru. 125282M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-16 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' disa' mija tlieta u erbghin euro u sbatax-il ċenteżmu ta' euro [€943.17c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attriċi s-somma ta' disa mija tlieta u erbghin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€943.17) bhala

bilanċ rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' ftehim ghal hlasijiet ratejali datat 9 ta' April 2013 (AC51043975).

Illi nterpellata sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghax".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fit-12 ta' Lulju, 2014 u li ma dehritx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra n-nota tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' Ottubru, 2014 u li permezz taghha hija rriduciet it-talba bl-ammont ta' seba' mitt euro [€700] u dan peress li kien sar pagament akkont mill-intimata fil-mori tal-kawza. Is-socjeta rikorrenti ddikjarat li l-ammont pendenti kien ta' mitejn tlieta u erbghin euro u sbatax-il ċenteżmu [€243.17c].

Semgha x-xhieda ta' Charmaine Wiffen rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tikkonferma li l-intimata ghad fadallha thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' mitejn tlieta u erbghin euro u sbatax-il ċenteżmu [€243.17c].

Ra li Dr. Ingrid Zammit Young iddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta’ disa’ mija tlieta u erbghin euro u sbatax-il ċenteżmu ta’ euro [€943.17c] bhala bilanċ rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma’ ftehim ghal hlasijiet ratejali datat 9 ta’ April 2013 (AC51043975).

2. Illi permezz ta’ nota ta’ riduzzjoni ppreżentata fit-30 ta’ Ottubru, 2014, is-socjeta rikorrenti rriduciet it-talba taghha bl-ammont ta’ seba’ mitt euro [€700] u dan peress li kien sar pagament akkont mill-intimata fil-mori tal-kawza. Is-socjeta rikorrenti ddikjarat li l-ammont pendenti kien ta’ mitejn tlieta u erbghin euro u sbatax-il ċenteżmu [€243.17c].

Ikkunsidra;

3. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta’ mitejn tlieta u erbghin euro u sbatax-il ċenteżmu [€243.17c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

5. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

6. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

7. Fil-kaz odjern, l-intimata giet notifikata fit-12 ta' Lulju, 2014 u baqghet ma dehritx ghas-seduta tal-lum miżmuma quddiem it-Tribunal.

8. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

9. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif ridotta permezz tan-nota taghha datata 30 ta' Ottubru, 2014 u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' mitejn tlieta u erbghin euro u sbatax-il ċenteżmu [€243.17c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-9 ta' April, 2013 data tal-ftehim (fol. 2) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------